2) Fl-affermattiv, il-kompitu fdat lill-qorti nazzjonali mill-Artikolu 108(3) TFUE jipprekludi li l-persuna taxxabbli tingħata vantaġġ fiskali li hija intitolata għalih skont l-Artikolu 56 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 63 TFUE), jew il-qorti nazzjonali għandha tinnotifika lill-Kummissjoni deċiżjoni intiża li tagħti dan il-vantaġġ, jew il-qorti nazzjonali għandha twettaq kwalunkwe att ieħor jew tadotta kwalunkwe miżura oħra, fid-dawl tal-kompitu ta' stħarriġ li hija għandha skont l-Artikolu 108(3) TFUE?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Hamburg (il-Ġermanja) fit-18 ta' Ottubru 2017 – Dirk Harms *et* vs Vueling Airlines SA**

**(Kawża C-601/17)**

(2018/C 022/31)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Dirk Harms, Ann-Kathrin Harms, Nick-Julius Harms, Tom-Lukas Harms, Lilly-Karlotta Harms, Emma-Matilda Harms, bl-aħħar erbgħa rrappreżentati mill-ġenituri tagħhom Dirk Harms u Ann-Kathrin Harms

*Konvenuta:* Vueling Airlines SA

**Domanda preliminari**

Il-kunċett ta' "rimbors […], permezz tal-mezzi previsti fl-Artikolu 7(3), tal-prezz sħiħ tal-biljett", konformement mal-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament Nru 261/2004 ([1]), għandu jiġi interpretat fis-sens li jirreferi għall-ammont imħallas mill-passiġġieri għall-biljett inkwistjoni, jew għandu jitqies li jirreferi għall-ammont li jkun effettivament irċieva t-trasportatur tal-ajru konvenut, meta fil-proċess ta' riżervazzjoni jkun aġixxa intermedjarju li jirċievi, mingħajr ma javża, id-differenza bejn l-ammont imħallas mill-passiġġier u dak irċevut mit-trasportatur tal-ajru?

([1]) Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven kasatsionen sad (il-Bulgarija) fit-23 ta' Ottubru 2017 – PM vs AH**

**(Kawża C-604/17)**

(2018/C 022/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Qorti Suprema tal-Kassazzjoni

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* PM

*Konvenuta:* AH

**Domanda preliminari**

Ir-Regolament Nru 2201/2003 ([1]) jippermetti l-eżami ta' kawżi li jikkonċernaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri, meta ma jkunux issodisfatti l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli 8 u 12 tar-Regolament, minn qorti ta' Stat Membru li jkollha ġurisdizzjoni sabiex teżamina l-kawża li tikkonċerna d-divorzju fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament, f'sitwazzjoni fejn id-dritt nazzjonali ta' dan l-Istat Membru jobbliga lill-qorti tagħti deċiżjoni *ex officio* dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-ġenituri, dwar miżuri li jikkonċernaw id-dritt ta' aċċess, il-manteniment, kif ukoll dwar l-użu tad-dar matrimonjali, fl-istess ħin li tagħti deċiżjoni dwar it-talba għal divorzju?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fl-20 ta' Ottubru 2017 – IBA Molecular Italy Srl vs Azienda ULSS n. 3 *et***

**(Kawża C-606/17)**

(2018/C 022/33)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* IBA Molecular Italy Srl

*Konvenuta:* Azienda ULSS n. 3, Regione Veneto, Ministero della Salute, Ospedale dell'Angelo di Mestre

**Domandi preliminari**

1) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal servizzi u għal provvisti u, iktar speċifikatament, tal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2004/18/KE ([1]), jinkludi wkoll l-operazzjonijiet kumplessi li permezz tagħhom awtorità pubblika kontraenti għandha l-intenzjoni li tagħti, direttament, lil operatur ekonomiku partikolari finanzjament speċifiku, li l-uniku skop tiegħu huwa l-manifattura ta' prodotti intiżi li jiġu pprovduti bla ħlas, mingħajr proċedura ta' sejħa għal offerti ulterjuri, lil diversi amministrazzjonijiet li huma eżentati mill-ħlas ta' xi korrispettiv lill-imsemmi fornitur; konsegwentement, l-imsemmija leġiżlazzjoni Ewropea tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-għoti dirett ta' finanzjament speċifiku li l-iskop tiegħu huwa l-manifattura ta' prodotti intiżi li jiġu pprovduti, mingħajr proċedura ta' sejħa għal offerti ulterjuri, lil diversi amministrazzjonijiet li huma eżentati mill-ħlas ta' xi korrispettiv lill-imsemmi fornitur?

2) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal servizzi u għal provvisti u, iktar speċifikatament, l-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Artikoli 49, 56, 105 *et seq* TUE, tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, billi tassimila l-isptarijiet privati "klassifikati" għal dawk pubbliċi, permezz tad-dħul tagħhom fis-sistema ta' programmazzjoni pubblika tas-saħħa nazzjonali, irregolata minn ftehimiet *ad hoc,* differenti mir-relazzjonijiet normali ta' akkreditazzjoni mas-suġġetti privati l-oħra li jipparteċipaw fis-sistema ta' provvista ta' servizzi tas-saħħa, meta dawn l-isptarijiet ikklassifikati la jissodisfaw ir-rekwiżiti sabiex jiġu rikonoxxuti bħala korp irregolat mid-dritt pubbliku u lanqas ir-rekwiżiti għall-għoti dirett skont il-mudell tal-*in house providing,* teħlishom mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u minn dik tal-Unjoni dwar kuntratti pubbliċi, anki fil-każ fejn tali suġġetti jkunu inkarigati mill-manifattura u mill-provvista bla ħlas, lill-istrutturi tas-saħħa pubbliċi, ta' prodotti neċessarji għall-iżvolġiment tas-servizz tas-saħħa, filwaqt li fl-istess ħin jirċievu finanzjament pubbliku ddedikat għall-manifattura ta' dawn il-provvisti?

([1]) Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132).